MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Numru 794/2006

**Maltacom Plc**
**(C 22334)**

**Vs**

**Pauline Erezghi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Settembru, 2006 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` seba` mija u tlieta u tletin lira, hamsa u disghin centezmu (Lm733.95), rapprezentanti kwantu ghal Lm308.45 ammont dovut ghal servizz tat-telephone, numru 21550422 u kwantu ghal Lm425.50 ammont dovut ghal servizz tat-telephone, numru 21335732 u dana skond ma` kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. A, B, C, D u E.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 18 ta` Ottubru, 2006 fejn ikkontestat it-talba attrici b'mod generika.

Bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda ta` l-istess konvenuta illi l-kont mitlub f'dina l-kawza kien ghadu dovut u li fil-fatt tali kontijiet ighajtu lilha. Dan jirrizulta wkoll bla dubbju mid-dokumenti ezebiti. Ghaldaqstant, it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta tirrizulta ppruvata anke bl-ammissjoni tal-konvenuta nfisha.

Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici, u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` seba` mija u tlieta u tletin lira, hamsa u disghin centezmu (Lm733.95), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------